**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 TA' NOVEMBRU, 2019.**

**RikorsNru. 703/19GM**

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**Vs**

**Yassine Khaled (ID135504L) u Elsadi Duaa (passaport minn Jordan 179688)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi ppreżentat fis-16 ta' Lulju 2019 fejn abbażi tal-premessi illi:

1. L-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €102,153.10 liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu għal €84,070.93 rappresentanti kapital wara self u €18,082.27 imgħax sal-14 ta' Mejju 2019, b'rizerva għal dawk l-imgħaxijiet ulterjuri dovuti mill-15 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament.

2. Dan l-ammont huwa dovut skond kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dr Malcolm Mangion datat 28 ta' Frar 2007 permezz ta' liema l-konvenuti ottjenew self mingħand is-soċjeta' attriċi sabiex jakkwistaw proprjeta`.

3. Għalkemm interpellat sabiex iħallas l-ammont dovut ukoll permezz ta' ittri uffiċjali 9/2012 u 2797/18 il-mandati l-konvenut ma ħallasx.

Talbet lill-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti ma onorawx il-pagamenti miftehma u b'hekk ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien.

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €102,153,10 liema ammont huwa dovut mill-konvenuti in kwantu għal €84,070,93 rappresentanti kapital wara self u €18082.27 imgħax sal-14 ta' Mejju 2019, b'riserva għal dawk l-imgħaxijiet ulterjuri dovuti mill-15 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament u dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' €102,153,10 liema ammont huwa dovut mill-konvenuti in kwantu għal €84,070,93 rappresentanti kapital wara self u €18082.27 imgħax sal-15 ta' Mejju 2019 liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat, bl-imgħaxijiet ulterjuri dovuti mil-14 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri uffiċjali u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat ma' dan ir-rikors kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota tal-konvenuti Yassine Khaled (K.I. numru 135504L) u Elsadi Duaa (Passaport minn Jordan numru 179688) ippreżentata waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2019 li permezz tagħha ammettew it-talba[1];

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta ppruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba kif dedotta fir-Rikors Guramentat b'dan illi:

[1] Ara ukoll korrispondenza permezz ta' messagg elettroniku a fol 52

1. Tiddikjara li l-konvenuti ma onorawx il-pagamenti miftehma u b'hekk ddekadew mill-benefiċċju taż-żmien;

2. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' €102,153,10 liema ammont huwa dovut mill-konvenuti in kwantu għal €84,070,93 rappresentanti kapital wara self u €18,082.27 imgħax sal-14 ta' Mejju 2019, b'riserva għal dawk l-imgħaxijiet ulterjuri dovuti mill-15 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament u dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' €102,153,10 liema ammont huwa dovut mill-konvenuti in kwantu għal €84,070,93 rappreżentanti kapital wara self u €18,082.27 imgħax sal-15 ta' Mejju 2019 liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat, bl-imgħaxijiet ulterjuri dovuti mil-14 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri uffiċjali u dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat ma' din il-kawża a karigu tal-konvenuti.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA